**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-24 TA' FRAR 2022**

**Kawża Numru: 4**

**Rik. Ġur. 38/2016 RGM**

**Christopher Abela (I.D. 176388M) u**
**Josie Azzopardi (I.D. 161684M)**

**vs.**

**Patrick John Vella**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Christopher Abela u Josie Azzopardi** ippreżentat fl-14 ta' Jannar, 2016 li permezz tiegħu ppremettew u talbu is-segwenti:

(i) Illi l-intimat kien prokuratur ta' ommu Giovanna sive Jane Vella li mietet fil-5 ta' Lulju, 2014 (Dok. A) u fost hwejjeg ohra kien jamministra l-kont bankarju tal-mandanti tieghu mal-Bank of Valletta plc li jgib Nru: 11702791017;

(ii) Illi bl-ahhar testment taghha datat 14 ta' Jannar 1999 in atti Nutar Mario Bugeja (Dok. B u C), id-decujus innominat bhala eredi universali taghha lill-erba uliedha cioe Monica Abela (omm ir-rikorrenti), Maria Tania Lacklison, Joseph Raymond u l-intimat Patrick John ahwa Abela bis-sostituzzjoni volgari a favur ta' uliehom f'kaz ta' premorienza u fin-nuqqas ta' ulied, bid-dritt ta' akkrexximent bejnithom;

(iii) Illi Maria Tania Lacklison mietet minghajr ulied fis-7 ta' Frar, 2006 (Dok. D) Monica Abela, omm ir-rikorrenti, mietet fid- 9 ta' Lulju 2008 (Dok. E) filwaqt illi b'dan illi l-werrieta tad-decujus Giovanna Vella huma l-esponenti in kwantu ghall-terz bejnithom, Joseph Raymond Vella in kwantu ghall-terz u l-intimat in kwantu ghar-rimanenti terz;

(iv) Illi jirrizulta mis-*statement* rilaxxjat mill-Bank (Dok. F) dwar il-kont bankarju fuq imsemmi tad-decujus mandanti illi fit-3 ta' Lulju 2014, l-intimat gibed fi flus kontanti is-somma ta' €5,000; fl-4 ta' Lulju 2014, cioe fil-jum qabel il-mewt taghha u meta l-mandanti tieghu kienet moribonda, l-intimat gibed is-somma ta' €50,500 minn dana l-kont, u ttrasferixxa €50,000 minnhom f'kont bankarju iehor u €500 fi flus kontanti; fil-5 ta' Lulju, 2014 cioe fid-data tal-mewt tad-decujus mandanti, l-intimat gibed total ta' €31,500 cioe €20,000 somma li giet trasferita f'kont iehor u somma ohra ta' €11,500 fi flus kontanti; u €500 fit-8 ta' Lulju, 2014, cioe tlett tijiem wara l-mewt tad-decujus – total ta' seba u tmenin elf u hmaes mitt Euro (€87,500).

(v) Illi l-intimat gie interpellat kemm b'ittra bonarja u kemm b'ittra ufficjali sabiex a tenur tal-Art. 1875 tal-Kodici Civili jghati kont ta' dawn il-flejjes li gibed mill-kont bankarju tal-mandanti u jirrestitwixxi l-flus li gibed wara l-mewt tad-decujus – u allura wara li kien spicca l-mandat tieghu - izda

permezz ta' ittra responsiva tal-avukat tieghu huwa rrespinga l-pretenzjonijiet kollha maghmula lilu.

(vi) Illi certament, l-gbid tas-somma ta' €87,000 f'perijodu ta' tlett tijiem meta d-decujus kienet moribonda jikkostitwixxi eghmil doluz da parti tal-intimat u l-gbid ta' €500 wara l-mewt tal-mandanti tieghu u allura wara li kien spicca l-mandat, jikkostitwixxi eghmil illegali u abbuziv da parti tal-istess intimat.

Ghaldaqstant l-esponenti qed jitolbu illi dina l-Qorti:

1. Prevja d-dikjarazzjoni illi (a) l-gbid ta' somma sostanzjali f'perijodu ta' erba tijiem meta d-decujus Giovanna sive Jane Vella kienet moribonda jew kienet diga mietet jikkostitwixxi eghmil doluz da parti tal-intimat u dan l-ghemil illegali u abbuziv da parti tal-istess intimat jikkostitwixxi misappropprijazzjoni indebita minn fondi tal-assi, illum tal-assi ereditarji, tal-istess decujus; (b) l-intimat huwa obbligat jirrifondi l-flejjes hekk approprijati indebitament lill-assi ereditarji tad-decujus Giovanna sive Jane Vella; u (c) illi ir-rikorrenti huma intitolati ghall-terz (1/3) bejnithom ta' dawn l-assi ereditarji bhala werrieta tad-decujus Giovanna Vella.

2. Tillikwida l-ammont li jirrizulta li gie approprijat indebitament mill-intimat; u

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrifondi lir-rikorrenti terz (1/3) ta' dik is-somma hekk llikwidata.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-r**isposta ġuramentata ta' Patrick John Vella** ppreżentata fit-29 ta' Frar, 2016 fejn jingħad kif ġej:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi u kif ser jigi muri fil-mori tal-kawza;

Illi mhuwiex qed jigi michud il-fatt illi l-esponenti kien prokuratur t'ommu Giovanna sive Jane Vella li mietet fil-5 ta' Lulju 2014 u li l-esponenti kien jamminstra l-kont bankarju t'ommu skont il-prokura ffirmata quddiem in-Nutar Dr. Carmel Mangion;

Illi lanqas huwa ikkontestat il-fatt illi skont l-ahhar testment t'ommu, datat 14 ta' Jannar 1999, l-omm halliet bhala eredi lil-erbgha t'itfal taghha, cioe` Monica Abela (omm ir-rikorrenti li mietet f'Lulju 2008), Maria Tania Lacklison (li mietet fi Frar 2006 minghajr ulied), Joseph Raymond Vella u l-istess esponenti;

Illi l-anqas qed jigi kkontestat il-fatt illi l-ammonti li l-atturi qeghdin jghidu li ngibdu mill-kont bank bankarju ta' omm l-esponenti, fil-fatt ingibdu pero` l-esponenti jiddikjara illi dan sar bil-volonta` ta' omm l-esponenti illi filwaqt li kienet taf li sejra tmut hija talbet lill-esponenti biex ihallas id-djun li hi kelha mat-tfal tal-esponenti u terzi persuni ohra;

Illi fir-rikors promotur l-atturi jonqsu li jsemmu l-fatt illi Giovanna sive Jane Vella kellha l-problema gravi tal-loghob, u dan jista jigi anki kkonfermat mill-istatement tal-Bank li pproducew l-atturi stess bhala DOK F mar-rikors promotur taghhom fejn jidher bic-car li Giovanna sive Jane Vella kienet regolarment tmur il-Casino u tilghab ammonti konsiderevoli ta' flus fuq bazi regolari;

Illi l-atturi jistghu jgibu l-iskuza illi il-vizzju tal-loghob ta' nannithom ma' kienux jafu bih anki minhabba l-fatt li huma qatt ma' kienu jigu jzuruha f'hajjitha, imma kif ha jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, dan il-vizzju ma' kienx

xi sigriet, kemm mal-familjari ta' Giovanna (ovvjament dawk li kienu jzuruha) kif ukoll girien u hbieb ohra tal-mejta Giovanna sive Jane Vella;

Illi dan il-fatt jista' jigi kkolaborat minn hu l-esponenti, Joseph Ray Vella, li nzerta wkoll wiehed mill-werrieta t'ommu u li billi kien jaf bil-vizzju li kellha ommu u bid-djun tal-istess, ma' inizja l-ebda proceduri kontra l-esponenti ghax jaf li il-flus li ngibdu kienu fuq struzzjonijiet tal-omm stess biex jithallsu d-djun;

Illi mhuwiex qieghed jigi l-anqas kontestat il-fatt illi huwa vera li wara l-mewt t'ommu l-esponenti gibed l-ammont ta' hames mitt euro (€500) u huwa jaf li zbalja f'dan ir-rigward, madankollu, kif sejjer jintwera fil-mori tal-kawza kien hemm spjegazzjoni ghalfejn ghamel hekk u jishaq illi huwa kellu hafna iktar flus x'jiehu;

Illi kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza, l-esponenti kien hallas personalment u minn flusu, kont pendenti tal-ARMS (dawl u ilma) li kien jammonta ghal madwar €2000 u li ommu kienet naqset li thallas ghal zmien twil. L-esponenti kien hallas dan il-kont minn butu minhabba li kieku m'ghamilx hekk, il-fond ta' ommu ma' kienx jista jinbiegh ghax is-sidien il-godda kienu insistew li l-kont jithallas qabel ma' jinqaleb il-kont f'isimhom;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet suesposti, l-esponenti qieghed jirrespingi l-pretenzjonijiet tal-atturi u fl-istess hin jippretendi illi l-bilanc li ghad fadal fil-kont t'ommu jinqasam bejn l-eredi tal-omm f'sehem indaqs u dan wara li jitnaqqas l-ammont li ghandu jiehu l-esponenti talli hallas il-kont tad-dawl u ilma li kien jammonta ghal €2000.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi, li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi li tressqu;

Rat illi l-Qorti nnominat lil Joseph Mallia bħala espert kaligrafu sabex jirrelata dwar jekk il-firma fid-dokument f'paġna 120A tal-proċess hijiex waħda genwiena o meno;

Rat ir-rapport tal-espert kaligrafu ppreżentat fit-8 t'April 2019 u maħluf fis-16 ta' Mejju 2019;[1]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ppreżentata fis-6 ta' Lulju 2021[2] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ippreżentata fis-26 t'Awwissu 2021[3];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti Rilevanti.**

Il-konvenut, bis-saħħa ta' prokura ġenerali mhux datata - iżda mill-provi jidher li ingħatat xi ġurnata fi Frar 2014 - inħatar prokuratur minn ommu Giovanna sive Jeanne Vella. Fost il-poteri mogħtija lilu, Patrick Vella kien jamministra l-kont bankarju li ommu kellha mal-Bank of Valletta (BoV) Jeanne Vella mietet fil-5 ta' Lulju 2014 iżda hija kienet għamlet testment fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja fl-14 ta' Jannar 1999. Hija nnominat lill-uliedha bħala eredi universali u ċioe lil Monica Abela (omm l-atturi), Maria Tania Lacklison, Patrick John Vella u Joseph Raymond Vella bis-sostituzzjoni

[1] Paġna 208 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 287 et seq tal-proċess.
[3] Paġna 295 et seq tal-proċess.

volgari a favuri ta' uliedhom f'każ ta' premorienza u fin-nuqqas ta' ulied bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom.

Fit-3 ta' Lulju 2014 ġiet depożitata s-somma ta' €125,000 li mill-atti jirriżulta li dan id-depożitu sar mill-konvenut wara li sar il-bejgħ tal-fond li fih kienet tirrisjedi Jeanne Vella. Fl-istess ġurnata ġiet irtirata s-somma ta' €5,000 fi flus kontanti. L-għada 4 ta' Lulju sar trasferiment ta' €50,000 f'kont bankarju ta' terzi u ċioe fil-kont ta' Mark Vella, iben il-kbir tal-konvenut. Fl-4 ta' Lulju ukoll ġew irtirati l-ammont ta' €500 minn ATM ġewwa s-Siġġiewi. F'din il-ġurnata wkoll filgħaxija, Jenne Vella idaħħlet l-isptar għal kura medika. Fil-5 ta' Lulju 2014, kif diġa ingħad, Jenne Vella mietet. Ġara iżda li fil-ġurnata tal-mewt tagħha ġiet miġbuda għal darb'oħra s-somma ta' €500 minn ATM ġewwa s-Siġġiewi u fl-istess ġurnata ġiet trasferita s-somma ta' €20,000 mill-kont ta' Jenne Vella għal kont ta' Matthew Vella, iben il-konvenut. Fil-5 ta' Lulju ukoll ġiet irtirata s-somma ta' €11,000 fi flus kontanti. Tlett ijiem wara l-mewt ta' Jenne Vella inġibdet is-somma ta' €500 mill-kont bankarju tagħha. Dawn it-transazzjonijiet saru kollha mill-konvenut bis-saħħa tal-prokura ġenerali mogħtija lilu minn ommu.

Ikkunsidrat;

**Provi**

Xehed **Josef Debono**, rappreżentant tal-bank Bank of Valletta. Spjega li fit-3 ta' Lulju 2014 Patrick Vella (K.I. 585863M) ġibed €5,000 mill-kont ta' Giovanna sive Jane Vella bis-saħħa ta' prokura ġenerali ffirmata min-Nutar Dr. Carmel Mangion.

It-tieni somma ta' €50,000 ġiet trasferita fl-4 ta' Lulju 2014 mill-kont tas-Sinjura Vella għal kont ta' Mark Vella[4] liema trasferiment ukoll sar bis-saħħa tal-prokura imsemmija.

[4] Il-partijiet waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2016 qablu li Mark Vella huwa iben il-konvenut Patrick Vella.

Fl-istess ġurnata, mill-*card* ta' Jane Vella inġibdet is-somma ta' €500 mill-ATM tas-Siġġiewi. Ix-xhud jispjega li għal bank ġaladarba il-flus inġibdu minn ATM u ġaladarba l-*card* hija ta' Jane Vella, għal bank dik it-transazzjoni saret minn Jane Vella stess.

L-istess fil-5 ta' Lulju 2014 fejn inġibdet is-somma ta' €500 bl-istess *card*.

Fil-5 ta' Lulju wkoll sar trasferiment mill-kont ta' Jane Vella fis-somma ta' €20,000 għal kont ta' Matthew Vella[5] liema trasferiment sar minn Patrick Vella bis-saħħa tal-prokura fuq imsemmija.

Is-somma ta' €11,500 inħarġu fi flus kontanti minn Patrick Vella fil-5 ta' Lulju wkoll.

L-aħħar transazzjoni li saret kienet fis-somma ta' €500 li saret fit-8 ta' Lulju 2014 mill-ATM tas-Siġġiewi mill-*card* fl-isem ta' Jane Vella.

Waqt il-kontro-eżami spjega li fit-3 ta' Lulju 2014 kien sar depożitu ta' ċekk fis-somma ta' €125,000 wara li kien sar il-bejgħ ta' xi proprjeta. Iċ-ċekkijiet ġew depożitati minn Patrick Vella liema ċekk iżda kien indirizzat lil "Giovanna Vella aka Jeanne Vella"[6].

Xehdet l-attriċi **Josie Azzopardi** fejn spjegat li Jane Vella hija omm il-mamà tagħha li hija mejta (u ċioe n-nanna tagħha) u Patrick Vella huwa ħu ommha (u ċioe z-ziju tagħha).

Tispjega li ommha kienu erba' aħwa – ommha Monica, (Maria) Tania, Joe Ray u Patrick. Patrick biss fadal ħaj mill-aħwa.

Maria Tania mietet qabel in-nanna tagħha u ma kellhiex tfal.

---

[5] Il-partijiet waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2016 qablu li Matthew Vella huwa iben il-konvenut Patrick Vella.
[6] Paġna 59 tal-proċess.

Tispjega li kienet nannitha li kienet tieħu ħsieb flusha. Kienet iddeċideit li tbiegħ id-dar tagħha iżda sakemm laħaq sar il-bejgħ nannieta mardet.

Tgħid li nannieta mietet xi tlett ijiem wara li sar il-kuntratt tal-bejgħ tal-proprjeta tagħha u tan-nannu tagħha li kien ilu ħafna li miet.

Fuq il-kuntratt ta' bejgħ dehru l-aħwa, u hi u ħuha. Iċ-ċekkijiet tal-ħlas tal-proprjeta ħa ħsiebhom Patrick Vella. Spjegat li tlett ijiem wara li sar il-bejgħ nannietha mietet u wara xi żmien għamlu r-riċerka u sabu li fi żmien tlett ijiem inġibdu ħafna flus mill-bank - madwar xi €80,000.

Tipreċiża li nannietha mietet l-isptar fil-5 ta' Lulju 2014 fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu. Ix-xhud spjegat li dak inhar tal-mewt inġibdu €11,000 liema somma ma tafx fix ħin inġibdu u fit-8 ta' Lulju 2014 inġibdet is-somma ta' €500 mill-ATM meta allura nannietha kienet diġa mejta.

L-ewwel xhud imressaq mill-konvenut huwa **Patrick Demanuele**, ħaddiem ġewwa Portomaso Casino. Spjega li kull persuna li tidħol ġo casino trid tiġi reġistrata u kien għalhekk li huwa kien f'pożizzjoni li jippreżenta rapport tal-attendenza ta' Giovanna sive Jane Vella mill-2008 sal-2014. Spjega li s-Sinjura Vella kienet tidħol bejn darbtejn u tlett darbiet fil-ġimgħa l-casino. Jidher ukoll li għamlet xi żjarat ukoll il-casino Oracle ta' Buġibba.

In kontro-eżami x-xhud ikkonferma li ħadd ma seta' jilgħab *on credit*.

Xehed **Christopher Bonnici**, Manager fuq sigurta ma' Dragonra Casino and Gaming Ltd fejn ikkonferma li Giovanna sive Jane Vella ma rreġistrat qatt mal-imsemmi casino jew ma Dragonara Gaming Ltd.

Xehed il-**konvenut** fejn beda billi spjega li ommu kellha problemi tal-logħob. Jgħid li ommu romlot meta kellha 47 sena u kienet tinfexx fit-tombla, maż-żmien daħlu Fariplays u bdiet tmur tilgħab hemm. Għas-sena 2005 mietet oħtu Tania ħabta u sabta quddiem ommu. Sitt xhud wara ommu kienet

ingħatat l-aħbar li bintha Monica, omm l-atturi, ma kinitx għal magħhom u ommu intefgħet tilgħab il-casino.

Ġiet f'sitwazzjoni li tbiegħ id-dar u dan għaliex għamlet ħafna dejn. Jgħid li qabel biegħet id-dar, kienet biegħet ukoll *grandfather clock* li kien xtara missieru mill-Ġermanja lura fl-1983 kien jiswa madwar 7,000 *gilder*. Dwar dejn jgħid li ommu kellha dejn ma' ħafna nies – ma' tal-merċa, ma' uliedu. Wara li biegħet id-dar kienet sejra toqgħod miegħu minflok kienet ser tixtri post ieħor żgħir. Jgħid ukoll li barra l-vizzju tal-logħob, ommu kellha l-vizzju tas-sigaretti. Dwar il-ħinijiet li kienet tmur il-casino x-xhud jgħid hekk:

"Fl-10:00am, fl-10.02am iccempel il-casino tordna l-bus biex jigi ghaliha l-vann u jghidulha fix hin sejra lura Sinjura? Tghidilhom f'00.00am jekk ma nitlifx kollox fis-2.00am u kienet tigi l-bicca l-kbira f'00.00am. Gieli tlajt jien bil-flus il-Casino. Tghidli Patrick ara hemmx xi haga mit-tfal itini xi haga jew gieli kien hemm it-tifel xoghol itiha xi haga dak il-hin ukoll."[7]

Dwar il-bejgħ tad-dar jgħid li fi Frar sar il-konvenju fejn ommu dak iż-żmien kienet għada tarmi s-saħħa izda tlett ijiem wara li sar il-kuntratt ta' bejgħ mietet. Jgħid li ommu mietet ħabta u sabta għalkemm qal ukoll li ommu kellha tumur.

Jgħid ukoll li ommu kellha l-flus u kien baqgħala x'tagħti. Jgħid li d-dar inbiegħet €250,000 fejn sehem ommu kien ta' €125,000 u s-sehem l-ieħor ta' missieru inqasmu bejn l-aħwa. Dwar x'sar mis-sehem ta' ommu, ix-xhud qal li huwa ħallas lit-tlett uliedu Mark, Matthew u Kurt – li tnejn minnhom kienu joqgħodu magħha. Ix-xhud jgħid li Kurt Vella kien silef lil nanntu (omm ix-xhud) €10,000 maż-żmien, wieħed silifha €20,000 u ieħor €50,000. Ix-xhud qal li ommu fis-sena 2003 jew 2005 kellha bżonn tagħmel l-operazzjoni tal-kattarretti u sabiex setgħet tagħmel hekk huwa ssellef il-flus fuq l-idejn għax ommu ma kellhiex flus. Jgħid li huwa ħalsilha wkoll kont ta' €2,000 dawl u ilma u dan mhux ta' darba imma għaliex ma kinitx tħallas il-kontijiet

[7] Paġna 106 tal-proċess.

nonostante li uliedu kienu jtuha l-flus tad-dawl peress li kienu joqgħodu magħha iżda baqgħet qatt ma ħalset il-kontijiet. Jgħid li b'dawk il-€500 li ġibed wara mewtha huwa tahom lil tal-merċa. Għal mistoqsija tal-Qorti jekk għandux irċevuti tal-ħlasijiet li jagħmel jgħid li m'għandux. Dwar il-flus li huwa ta lill-uliedu jgħid li wieħed minnhom kien qallu li huwa ta l-flus lil nanntu. Dwar ir-relazzjoni li l-atturi kellhom m'ommu jgħid li huma ma kinux jersqu lejn id-dar tagħha u għalhekk ma setgħux ikunu jafu x'kien qiegħed jiġri.

In kontro-eżami x-xhud ikkjarifika li l-*grandfather clock* ma kinitx biegħtu tant li kien għadu hemm fid-data tal-mewt tagħha. Jgħid li huwa semmiegħ għax riedet itbiegħu. Meta ġie mistoqsi jekk ommu maritx toqgħod ġurnata waħda għandu jgħid li le ma marritx. Jikkonferma li kien hu u l-familja tiegħu li kienu jgħixu għand ommu. Jgħid li huwa beda joqgħod għandha meta kienet ma tiflaħx u ċioe l-aħħar xahar. Dwar is-self li saru minn uliedu jgħid li qatt ma saru karti jgħid li pero ħuh kien jaf.

Meta ġie mistoqsi jekk lill-*gocer* li kien tah €500 semmiegħx bħala xhud, jgħid li le, jgħid li bħala xhud hemm it-tfal ta' ħuh li qegħdin l-Ingilterra li kienu jafu bis-sitwazzjoni li kienet fiha ommu.

Meta ġie mistoqsi meta għamlet il-prokura, ix-xhud qal li saret fi Frar 2014 meta sar il-konvenju. Dwar il-*card* jgħid li huwa kellu l-*pin* u ommu kienet tgħidlu biex imur jiċċekkja jekk irċevitx il-pensjonijiet. Jgħid li huwa kien imur m'ommu l-casino għax ġieli kienet tibqa' hemm u ma kienx ikun hemm vann lura. Jgħid li ommu tagħtu l-prokura biex ikun jista' jiġbdilha l-flus jekk titlef il-flus waqt il-logħob. Meta ġie mistoqsi jekk għamilx rendikont tal-ħlasijiet jgħid li huwa ħallas lin-nies li kien jaf li għandhom id-dejn bħal tal-*grocer* u lit-tfal tiegħu. Jikkonferma li huwa ma żammx rendikont għajr għal provi li hemm mill-karti tal-bank. Ix-xhud qal li ommu daħlet l-isptar fit-8 ta' filgħaxija tal-ġimgħa filgħaxija, huwa għamel magħha l-isptar sal-4 ta' filgħodu. Is-Sibt mietet.

Il-konvenut xehed ukoll permezz t'affidavit fejn żied jgħid li ommu kienet ilha trid tbiegħ id-dar tagħha iżda hu u ħutu ma kinux jaqblu magħha li tbiegħha. Jgħid li ommu kienet tmur il-casino spiss u kienet tmur bil-vann u tiġi lura d-dar bil-vann jew inkellha kienet tinżel mat-tifel tiegħu meta dan kien ikun xogħol peress li kien jaħdem fil-casino stess.

Dwar il-bejgħ tad-dar jgħid li ommu kienet tgħidlu li wara li tbiegħ id-dar kienet ser tħallas lura lill-uliedu. Ix-xhud kompla jispjega hekk: "meta jien poggejtilha l-flus (125,000 euros) fil-kont taghha, l-iskrivana tal-bank stess qaltli biex ma' npoggiex il-flus fil-kont ta' ommi billi din kienet mara ta' tmenin sena. Din qaltli li billi jien kelli l-prokura stajt npoggi l-flus f'kont fuq ismi u xorta il-flus ikunu t'ommi, imma jekk jinqala xi haga nkunu nistghu nuzaw il-flus. Jien ma' qbiltx mal-iskrivana u fil-fatt jien poggejt il-flus fil-kont ta' ommi."[8] Ix-xhud qal li ommu kienet f'sensiha qabel mietet u kienet taf kollox x'inhu jiġri madwarha.

Jgħid li l-flus li huwa ġibed wara li mietet ommu kien użahom għax għandu kienu marru t-tfal ta' ħuh u ħuh u kienu ħafna familjari u huwa ġibed il-flus biex jixtri x'jieklu u x'jixorbu.

Jgħid ukoll li bil-flus li kien fadal fil-kont t'ommu li kienu madwar €40,000 huwa ħallas ukoll l-ispejjeż tal-funeral fis-somma globali ta' €2,174.

Ix-xhud jgħid ukoll li huwa ħallas spejjeż oħra minn flusu fosthom il-kont tad-dawl u ilma li kien jammonta għal madwar €2,000. Iċ-ċekk li bih sar il-ħlas iġib l-isem ta' Ramon Azzopardi, iżda jispjega li l-flus irċevihom meta għamlu t-transfer tal-arloġġ, ħallas il-lapida bir-ritratt u l-isem fl-ammont ta' €92 u r-riċerka testamentarji li swew €50. Ħallas ukoll €600 biex iġorru l-għamara mid-dar t'ommu imma irċevutha ta' dan m'għandux.

Inżamm kontro-eżami tal-konvenut fis-27 ta' Novembru 2019. Jgħid li huwa kien jaħdem l-isptar Boffa u kien jaħdem part-time f'ħanut.

[8] Paġna 144 tal-proċess.

Meta ġie mistoqsi jekk għandux karti li turi li ommu kienet issaldat id-dejn, ix-xhud jgħid li wara li mietet ommu l-karti kollha qattahom u huwa bħala prokuratur ma żamm xejn.

**Mark Vella** xehed permezz t'affidavit fejn qal li huwa kien ilu jgħix man-nanna tiegħu minn meta kellu xi 9 jew 10 snin u baqa' jgħix magħha sas-sena 2011. Qal li hu flimkien ma' ħutu kienu joqgħodu magħha biex jieħdu ħsiebha. Huwa qal li meta kiber u beda jaħdem induna li nanntu kienet tħobb tilgħab u tmur il-casino. Jgħid li fl-aħħar snin ta' ħajjitha hija saret *addict* u kienet titolbu l-flus regolarment "ghax billi kienet tmur il-Casino kwazi kuljum ma setghetx tlahhaq mal-ispejjez. Jekk ma kinitx tmur il-Casino kienet tmur xi ferghat tal-FairPlay, dawn il-hwienet fejn ikun hemm il-kaxxi tal-loghob."[9] Jgħid li bdiet tilgħab mid-dar fuq l-*internet* u dejjem titolbu l-flus. Jgħid li filgħodu kienet ċċempel il-Casino għat-trasport biex filgħaxija jmorru għaliha. Jgħid li huwa ġieli kellimha fuq il-flus li kellha ttih peress li l-ammont kien qorob l-€50,000 u din kienet tgħidlu li meta tbiegħ id-dar kienet ser ittih il-flus lura. Jgħid li tant kellha dejn miegħu, ma' ħutu, ma' tal-merċa u ma' tal-ARMS li kienet ftehmet ma' missieru biex tbiegħ id-dar tagħha u tmur toqgħod ma' missieru.

Jgħid li l-kuntratt tal-bejgħ sar u "kif konna ftehmna hija tat istruzzjonijiet lil missieri li kellu l-prokura taghha biex jittrasferili l-flus mill-kont taghha ghal kont tieghi."[10] Jgħid li f'Ottubru 2013 huwa u nanntu kienu għamlu kitba fejn fiha hemm imniżżel li għandha ttih is-somma ta' €20,000[11]. Jgħid li wara li kienet għamlet il-konvenju u kienet ċerta li ser tbiegħ id-dar hija bdiet tilgħab ammonti kbar.

Xehed in kontro-eżami waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2018 fejn spjega li l-karta li hemm f'paġna 120A kitbitha ħabibtu Zoe (barranija) u huwa kien preżenti waqt li kienet qiegħda tinkiteb. Jgħid li nanntu ffirmatha. Jgħid li

[9] Paġna 120 tal-proċess.
[10] *ibid.*
[11] Skrittura tinsab f'paġna 120A tal-proċess.

kienu €20,000 l-flus li huwa ta lil nanntu għax kien jgħix magħha. Jispjega li għat-€30,000 oħra ma saritx karta għaliex nanntu bdiet il-proċess biex tbiegħ id-dar u kien jaf li ser tħallsu. Jgħid li nanntu kienet tilgħab fuq il-magni u kienet tilgħab mal-€1,000 fil-ġimgħa u hu kien itiha l-flus biex tkun tista' tilgħab. Dwar il-karta li għamel ma' nanntu jgħid li missieru dejjem kien jaf biha. In ri-eżami ix-xhud jgħid li l-flus li huwa ta lil nanntu mhux kollha mill-bank ġabhom u dan għaliex dak iż-żmien kien diġa beda jaħdem għal rasu bħala *professional poker player*. Meta ġie mistoqsi jekk jiftakarx kemm kien l-ammont li ġibed mill-bank biex ta lil nanntu jgħid li ma jafx imma jaf li l-ewwel €20,000 kienu naqriet u kien minn jeddha li għamlu l-karta. Jgħid li huwa dejjem kellu l-*cash* tiegħu. Jgħid li kien jgħix għand nanntu għax kienu jsibu kollox u kienu komdi hemm. Jgħid li meta kellu 24 sena (fl-2011) mar jgħix għal rasu.

**Kurt Vella** wkoll xehed permezz t'affidavit fejn bħal ħuh huwa spjega li kien jgħix ma' nanntu u dan għall-aħħar sitt snin qabel ma mietet. Jgħid li huwa kien jieħu ħsieb lil nanntu u ħadd mill-kuġini ma kien jersaq lejn id-dar tagħha. Jgħid li nanntu kienet tħobb tilgħab u li fl-aħħar snin ta' ħajjietha kien rikibha l-logħob, tant kien rikibha li ma kienx ikollha biżżejjed flus u bdiet tiddejjen miegħu u ma' ħutu. Jgħid li huwa għamel snin jislifha għax kienet tkun trid tmur tilgħab il-casino u ma kienx ikollha flus biex tilgħab. Jgħid li barra l-casino kienet tmur ukoll il-ħwienet tal-FairPlay fejn ikun hemm is-*slot machines*. Jgħid li ġieli talbitu l-flus biex tkun tista' tħallas il-kontijiet li kien ikollha jew tad-dawl jew tal-ħanut tal-merċa jew sħabha li kienu jilgħabu l-casino magħha.

Jgħid ukoll li huwa kien selfilha xi flus biex tkun tista' tagħmel l-operazzjoni tal-kattarretti. Ix-xhud spjega li nanntu kellha l-vizzju tas-sigaretti u kien iselfilha l-flus biex tixtri dawk ukoll għax kienet tpejjep mat-80 sigarett kuljum. Qal li nanntu ma kellhiex tagħtih ammonti kbar bħal ma kellha tagħti lil ħuh Mark, jgħid li lilu kellha ttih €9,200 iżda qal li hija kienet qalet lil missieru biex jagħtih €10,000 biex €800 ikun jista' jagħmel l-operazzjoni tal-*laser* biex ineħħi n-nuċċali. Jgħid li nanntu kienet tgħidlu li meta tbiegħ id-dar kienet ser tħallas id-dejn li kellha magħhom u fil-fatt hekk għamlet.

Xehed permezz t'affidavit **Matthew Vella** li qal li għamel madwar 20 sena jgħix ma' nanntu u baqa' jagħmel hekk sa mewtha. Jgħid li nanntu dejjem kienet tħobb tilgħab il-flus iżda fl-aħħar snin ta' ħajjitha tilfet kull kontroll u saret *addict* għal-logħob. Jgħid ukoll li minn filgħodu kienet iċċempel lil tal-Casino biex jipprovdulha t-trasport għal filgħaxija. Jgħid li fl-aħħar snin kienet imdejna ma' kulħadd – "la kienet thallas lil tal-hanut ghall-ikel u xorb li tixtri u l-anqas ghas-sigaretti li kienet tpejjep kuljum (madwar erbgha pakketti kuljum). Jien bhal huti l-ohra u anki missieri konna ntuha l-flus daqqa biex tmur tilghabhom u daqqa biex thallas xi kont li jkun dovut urgenti."[12] Jgħid li huwa silifha €20,000 u li kienet tgħidlu li meta tbiegħ id-dar kienet ser tħallashom.

Xehdet l-attriċi **Josie Azzopardi** msejħa mill-konvenut.

Tgħid li hija ma kinitx tmur ta' spiss tara lin-nanna materna, forsi darba kull ħmistax jew darba kull xahar skont iċ-ċans li kien ikollha. Tgħid li ġieli ċemplitilha wkoll u kienet toffrilha tmur tagħmel ġurnata għandha. Tikkonferma li kienet taf li nannitha kienet tpejjep u li kienet tpejjep madwar żewġ pakketti jew tlieta kuljum. Tgħid li taf ukoll li filgħaxijiet tal-weekends kienet tmur il-casino pero' ma setgħetx tikkonferma jekk kinitx tmur il-casino fost il-ġimgħa.

Tgħid li ma kinitx taf li nannitha għandha d-djun; tgħid li taf li meta talbitha tħallas xi kont dejjem ħalsitha dik il-ġimgħa stess. Tgħid li minn fejn kienet iġġib il-flus ma tafx; imma taf li kellha żewġ pensjonijiet jekk mhux tlieta tajbin. Meta ġiet mistoqsija jekk kinitx taf għalfejn biegħet il-post, ix-xhud qalet li lilha kienet tgħidilha li dejjaqha l-kobor u ġieli qaltilha li kien hemm ħafna nies id-dar u għejjewha peress li kien ikun hemm it-tfal tal-konvenut u anke it-tfal ta' Joe Ray għandha.

[12] Paġna 122 tal-proċess.

Ix-xhud ikkonermat li l-konvenut Patrick Vella ċemplilha ġurnata jew tnejn wara li mietet ommu sabiex isaqsiha jekk kiellhiex itiha xi ħaġa u qaltlu li le.

Xehed in kontro-eżami **Christopher Abela** fejn ikkonferma li huwa żżewweġ fil-21 ta' Marzu 2014 iżda nanntu ma marritx għaliex kienet ma tiflaħx. Jikkonferma li tagħtu flus bħala rigal għalkemm ma jiftakarx l-ammont. Jikkonferma li huwa kien jaf li nanntu kienet tmur il-casino pero' jgħid li lilu kienet tgħidlu li kienet tieħu €20 magħha u kif jispiċċawlha kienet tibqa' hemm tparla ma' xjuħ oħra. Jaf li nanntu kienet tirċievi pensjoni fuq €1,000 fix-xahar, Jikkonferma wkoll li nanntu kienet *chain smoker*. Jgħid li nanntu kienet taħlef fuq żewġha u uliedha li dejn qatt ma ħalliet.

Xehed **Ramon Azzopardi**, il-persuna li akkwista d-dar ta' Giovanna sive Jane Vella. Jgħid li huwa kien mar diversi drabi jara d-dar qabel daħal fil-konvenju fi Frar 2014. Jispjega li kien bena rapport magħha u kien osserva li kienet tpejjep ħafna u kienet qaltlu wkoll li ser ikollha tbiegħ id-dar għax għandha bżonn il-flus. Jgħid li huwa kien jaf li għandha xi djun iżda ma qaltlux direttament pero' qal li jaf li kellha l-vizzju tal-logħob. Jgħid li huwa kien imur spiss għandha u joqgħod jitkellem magħha iżda qatt ma raha tuża komputer. Dwar il-fakultajijiet mentali tas-sinjura Jane Vella jgħid li "kienet sharp"[13]. Jikkonferma li kien hemm kont tad-dawl li kien jonqos jitħallas li kien miss l-eluf. Jgħid li huwa kien mar ma' Patrick Vella biex iħallsuh.

**Konklużjonijiet tar-rapport tal-espert kaligrafu**:

"1. Jirriżulta illi ma tidher ebda kitba moħbija jew marki ohra (*indent writing*) għajr għall-kaligrafija u l-firma li jinsabu miktubin fuq id-dokumnet *a fol* 120A tal-proċess.
2. L-firma ta' Giovanna sive Jeannie / Jane Vella baqghet konsistenti fil-kors tal-kitba tal-firem oriġinali kif ukoll fil-kopji tal-firem kemm fl-ghamla, kostruzzjoni u sillabi, għajr għall-varjazzjonijiet minimi li huma permissibli fil-kors tal-kitba mill-istess awtur matul il-milja taż-żmien.

[13] Paġna 135 tal-proċess.

3. Ġew identifikati punti karatteristiċi pożittivament kompatibbli u ko-ordinati ma' xulxin bejn il-firma kontestata li tinsab miktuba fuq id-dokument *a fol* 120A tal-proċess, hekk kif l-istess punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-firem oriġinali l-kopji tal-firem ta' Giovanna sive Jeannie / Jane Vella, ġew ikkomparati ma' xulxin.

4. Illi *in vista* tal-eżamijiet kaligrafiċi fuq imsemmija, l-esponent huwa tal-fehma li l-firma kontestata li tinsab miktuba *a fol* 120A tal-proċess, setgħet ġiet miktuba minn Giovanna sive Jane Vella detentriċi tal-karta tal-identita numru 314034(M)."[14]

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-konvenut kien il-prokuratur ta' Giovanna sive Jane Vella liema prokura kienet tinkludi l-awtorizzazzjoni "*to demand and exact or withdraw from any bank [...] any sum of money [...]"*[15]. Din il-prokura saret fiż-żmien li sar il-konvenju għall-bejgħ tad-dar fejn kienet tirrisjedi Giovanna Vella.

Il-prokura jew il-mandat hu kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għan-nom tagħha.[16] Il-konvenut bħala l-mandatarju ta' ommu kien marbut bis-setgħat mogħtija lilu u ma seta' jagħmel xejn li joħroġ mil-limiti tal-mandat.[17] Ai termini tal-**Artikolu 1873 (1)** tal-Kapitolu 16 "l-mandatarju hu obbligat jesegwixxi l-mandat sakemm hu jibqa' inkarigat, u fil-każ ta' nuqqas ta' esekuzzjoni jwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet." In oltre l-mandatarju mhux biss iwieġeb għall-għemil doluż, iżda jwieġeb wkoll għal negliġenza fl-esekuzzjoni tal-mandat.[18] Huwa ben saput li l-mandat jispiċċa fost oħrajn bil-mewt tal-mandant jew tal-

[14] Paġna 225 tal-proċess.
[15] Paġna 42 tal-proċess.
[16] **Artikolu 1856 (1)** tal-Kodiċi Ċivili.
[17] **Artikolu 1864** tal-Kodiċi Ċivili.
[18] **Artikolu 1874 (1)** tal-Kodiċi Ċivili.

mandatarju.[19] Fil-każ odjern il-prokura ġiet fi tmiema fil-5 ta' Lulju 2014 mal-mewt tal-mandanti omm il-konvenut u nanna materna tal-atturi.

Dawn il-prinċipji ġew spjegati fid-dettall fis-sentenza **Louis Naudi et vs. Josephine Cassar et** (Ċit Nru 1139/1994) mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-6 t'Ottubru 2010:

> "Ghandu jinghad qabel xejn illi l-prokura hi dik in-negozju guridiku li permezz tieghu soggett wiehed jikkonferixxi lill-iehor l-awtorizzazzjoni biex jagixxi ghan-nom, fl-interess tieghu jew biex jaghmel certi atti guridici f'ismu bl-effett taghhom jimpingi fuq l-isfera guridika ta' l-awtorizzant. Hi proposizzjoni komuni illi l-prestazzjonijiet li jaghmel il-prokuratur jew il-mandatarju huma "*di fare*" f'liema kaz, skond il-principji generali tad-dritt, dan hu mistenni li jagixxi bid-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja espresso mill-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili kif rikjest mic-cirkostanzi tal-kaz. Ifisser, ghaldaqstant, illi l-kondotta tieghu trid tkun wahda pari passu ma' l-intenzjoni effettiva tal-mandanti tieghu u b'mod li twassal ghal konsegwiment ta' rizultat utli u necessarjament favorevoli. Jekk hu ma jsegwix dan il-mudell ta' imgieba jista' jsib ruhu responsabbli u debitament sanzjonat fejn jonqos li jastjeni milli jiehu inizzjattivi proprji. Dan huwa hekk ghaliex skond dixxiplina normattiva huwa "ma jista' jaghmel xejn li johrog mil-limiti tal-mandat" (Artikolu 1864, Kodici Civili). Proprju, skond id-dottrina l-aktar akkreditata f'kazijiet ta' din ix-xorta d-diligenza hi kwalifikata bhala dak "*il criterio di determinazione del contenuto della prestazione, indicando essa la misura dell'attuazione e dello sforzo psicologico che il debitore deve adottare per attuare la prestazione*" (**Luminoso**, "**Il mandato e la commissione**", Trattato, Rescigno, XXI, Torino, 1985, p 129, citata f'*footnote* flopra tal-**Franzoni** ("**Le Obbligazioni**", Utet, 2004 pagna 258);
>
> Bhal fil-kaz tal-mandat, [...] il-mewt iggib l-estinzjoni tal-prokura, b'mod li l-konvenuta Josephine Carmen Cassar ma setghetx, avverata l-mewt ta'

[19] **Artikolu 1886 (1) (b)** tal-Kodiċi Ċivili.

Silvio Vassallo, tkompli taghmel uzu minnha, u tamministra hwejgu. Kif jinzel minn certi riflessjonijiet maghmula fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' Ottubru, 2001, in re: "**Joseph Aquilina *nomine* - vs- Jean Paul Mifsud *et nomine***", il-poteri li ghandu prokuratur, wiesgha kemm huma wiesgha, jemanu dejjem u jiddependu mill-principal mandanti tieghu li jkun ikkonferilu l-mandat. "Hu imbaghad principju bazilari ta' dritt li ma jehtieg l-ebda elaborazzjoni illi l-mandat jispicca mal-mewt tal-mandant jew tal-mandatarju ... Il-konsegwenza ta' dan kollu hu illi l-mandatarju jkun gie ezawtorat mill-mandat tieghu ghaliex il-mandant ikun miet, liema mandatarju ma jistax jibqa' jippretendi li ghandu xi jedd jibqa' jamministra dak li kien tal-mandanti tieghu ... Hu jitlef kull *vires* malli tavvera ruhha l-mewt tal-mandanti tieghu";

Mill-fatti jidher ċar li l-konvenut irtiera s-somma ta' ħames mitt ewro (€500) tlett ijiem wara l-mewt t'ommu. B'dak li għamel il-konvenut ġiet kostitwita llegalita ta' l-atti fihom infushom li saru fi żmien meta l-prokura, u allura d-dritt tar-rappreżentanza, kienet waqfet.

L-istess raġunament japplika wkoll għall-ammont globali ta' €31,500 li ġew miġbuda mill-konvenut is-Sibt 5 ta' Lulju 2014, il-ġurnata li fiha mietet ommu Jane Vella. Il-Qorti m'hijiex konsapevoli tal-ħin preċiż li fih mietet Jane Vella stante li ma ġiex ippreżentat iċ-ċertifikat komplet tal-mewt tagħha iżda biss l-estratt li jagħti biss l-informazzjoni tal-post u d-data.

Jirriżulta mix-xhieda mressqa li s-Sinjura Vella mietet fin-nofstanhar ta' filgħodu. Mid-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rappreżentant tal-bank jidher li l-ewwel ġiet irtirata s-somma ta' €500 mill-ATM, imbagħad fil-ħdax ta' filgħodu (preċiżament fil-11:06) sar it-trasferiment ta' €20,000 mill-kont ta' Jane Vella għal kont ta' Matthew Vella (iben il-konvenut)[20] u fil-ħdax u kwart ta' filgħodu ġiet irtirata is-somma ta' €11,000 fi flus kontanti[21].

[20] Paġna 51 tal-proċess.
[21] Paġna 53 tal-proċess.

Għalhekk fuq bażi ta' probabilita' dawn l-iżbanek qed jiġu kkonsidrati bħala li saru wara l-mewt ta' Giovanna sive Jane Vella meta allura l-prokura ma kenitx għadha aktar in vigore.

Fi kwalunkwe każ l-iskop tal-prokura ma hux dak li l-prokuratur jagħmel kwalunkwe ħaġa li jfettillu biha iżda għandha l-iskop uniku illi l-prokuratur jaġixxi strettament u unikament fl-interess ta' min tah il-prokura u fit-termini tal-istruzzjonijiet mogħtija. Meta l-prokuratur kien jaf li min tah il-prokura kienet moribonda, li tmur il-bank u titrasferixxi jew tiżbanka ammonti inġenti mill-kontijiet bankarji tal-moribonda jammonta għal abbuż tal-fiduċja sħiħa li dak il-prokuratur ikun irċeva.

Fl-affidavit ta' Kurt Vella u fix-xhieda tal-konvenut jingħad għaxart elef (€10,000) mill-ħdax-il elf u ħames mitt ewro (€11,500) ingħataw lil Kurt Vella li jallega li sellef lil nantu ammont ta' flus. Jgħid li huwa silef lil nanntu matul iż-żmien is-somma ta' €9,200 li fihom kien jinkludi flus li kien sellifiha fis-sena 2010[22] meta hija kellha bżonn tagħmel l-operazzjoni tal-kattarretti. Fl-affidavit qal li nanntu riedet itih il-flus li huwa kien sellifiha flimkien ma' €800 oħra biex ikun jista' jagħmel intervent bil-*laser* f'għajnejh u għalhekk Jane Vella allegatament kienet tat struzzjonijiet lil Patrick Vella biex jagħti €10,000 lil ibnu Kurt.

Din l-allegazzjoni m'għandiex mill-verosimili.

Ma ingħatat l-ebda spjegazzjoni kif ġuvni ta' anqas minn 21 sena sellef lil nanntu dik is-somma meta ma nġabet l-ebda prova ta' introjtu li dan it-tifel kellu, la prova ta' flus li huwa seta ġibed mill-kont bankarju tiegħu biex tahom lil nanntu u wisq anqas ma nġabet prova oħra li huwa verament silef lil nanntu dik is-somma. Jirriżulta li ma kienet saret l-ebda kitba bejn Kur Vella u nanntu dwar dan l-allegat self. Għalkemm huwa minnu li l-liġi ma titlobx il-forma miktuba *ad validitatem* fil-każ ta' mutwu, imma **biss fil-każ**

[22] Paġna 239 tal-proċess – fornola bit-titolu Operative Booklet tindika li l-intervent sar fit-13 t'Ottubru 2010.

**ta' wegħda** ta' self u dan skont l-**Artikolu 1233 (1) (b)** tal-Kapitolu 16, in-nuqqas ta' kitba titfa fuq min jallega s-self mingħajr kitba piż akbar fejn jirrigwarda l-prova meħtieġa għall-eżistenza tas-self. L-istess jista' jingħad fir-rigward tal-ammonti l-oħra u ċioe' fil-kont ta' Matthew Vella fis-somma ta' €20,000 u lil Mark Vella fis-somma ta' €50,000. Matthew Vella kellu 24 sena meta mietet nanntu u Mark Vella kellu 27 sena.

Il-konvenut allega li kemm Matthew Vella kif ukoll Mark Vella kienu selfu lil nannithom ammont konsiderevoli, €70,000 b'kollox, sabiex tkun tista' tiffinanzja l-vizzju tal-logħob li hija kellha. Dan qaluh ukoll l-imsemmija ulied il-konvenut fl-affidavits rispettivi tagħhom. Inġabet prova li Jane Vella kienet tiffrekwenta Portomaso Casino. Ingħad li kienet tattendi kuljum f'postijiet varji fil-ħanut bl-isem FairPlay iżda prova ta' dan ma nġabitx.

Il-partijiet ma jaqblux fuq kemm kienet tilgħab Jane Vella, filwaqt li l-atturi jgħidu li kienet tilgħab €20 kull darba li kienet tmur, il-konvenut jgħid li ġieli lagħbet €1,000. Filwaqt li l-attur Christopher Abela xehed li nanntu kienet ħalfet li hija m'għandhiex dejn, il-konvenut jallega li ommu kellha tilja dejn ma' uliedu, kif ukoll xi ftit dejn ma' tal-merċa, miegħu personalment kif ukoll ma' xi ħbieb tagħha li kienu jilgħabu magħha. Rendikont ta' dan id-dejn qatt ma nġabet għajr għal dak allegat minn uliedu.

L-unika prova dokumentarja li din il-Qorti għandha quddiemha hija firma ta' Jane Vella fuq wara ta' karta datata 5 t'Ottubru 2013 b'kitba kaligrafika li tgħid hekk "*I the undersigned Mrs. Giovanna Vella [...] owe a total sum of €20,000 (twenty thousand euros) only to my grandson Mr Mark Vella [...] for a loan required for personal reasons. This shall be paid in full on the completion of the sale of my property [...].*

Għalkemm ġie sodisfaċentement ippruvat li l-firma hija ta' Jane Vella u dan permezz tal-perizja kaligrafika; il-Qorti tosserva li l-firma ma saritx taħt il-kliem fuq ċitat fejn kien hemm spazzju li ssir firma, iżda saret fuq in-naħa

ta' wara tagħha, fejn ma hemm l-ebda kliema ħlief isem u kunjom u n-numru tal-karta ta' l-identita' ta' Jave Vella.
Min kiteb dak il-kliem la hu Jane Vella u lanqas Mark Valla. Mark Vella jallega li dak il-kliem inkiteb minn ħabiba li pero' ma tressqitx biex tixhed.

Ikkunsidrat;

Kif konstatat fis-sentenza **Perit Ondre Camilleri vs. Leslie Corne**", mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-27 ta' Ottubru 2000 is-self huwa kuntratt "li bih min jislef javvanza flus lil min issellef, li minn naha tieghu jassumi l-obbligu li jirrestitwihom. Bhal kull kuntratt iehor, kif dejjem jista' jkun wiehed car u specifiku, jista' jkun ukoll dezunt mill-provi cirkostanzjali li ma jhallu l-ebda dubju f'mohh il-gudikant x'kienet il-volonta` kontrattwali tal-partijiet involuti fin-negozju".

Din il-Qorti tqis li ma tressqux provi sodisfaċenti li jnisslu f'moħħ il-ġudikant dak il-konvinċiment meħtieġ sabeix tiġi aċċettata il-verzjoni mogħtija mill-konvenut u uliedu.

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut aġġixxa b'mod doluż meta għamel it-trasferimenti fil-kont ta' uliedu kif ukoll meta rrtira ammonti konsiderevoli mhux biss fil-jiem li ommu kienet moribonda iżda wkoll wara li mietet.

Il-konvenut ma ppreżenta l-ebda rendikont dettaljat tad-djun li allegatament ommu għamlet qabel mietet u tal-ħlasijiet li allegatament għamel għaliex skontu huwa qatta kollox. Id-dokumentazzjoni li ingħatat mir-rappreżentant tal-bank m'għandhiex tgħodd bħala rendikont magħmula mill-konvenut! Ai termini tal-**Artikolu 1875** tal-Kodiċi Ċivili, "l-mandatarju, meta ma jkunx meħlus espressament mill-mandant, għandu jagħti kont lil dan ta' dak kollu li jkun għamel u ta' dak kollu li jkun irċieva bis-saħħa tal-mandat, ukoll jekk dak li jkun irċieva ma kellux jingħata lill-mandant."

Fil-każ odjern il-konvenut ma kienx espressament meħlus mill-mandant milli jagħmel rendikont. Konsegwentement il-mandatarju kien obbligat li

josserva d-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 389 u 390 tal-Kapitolu 12** u jagħti kont bid-dokumenti kollha li jiġġustifikawh u li jkun fih id-dettalji imsemmija fl-aħħar ċitat artikolu.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Margaret Attard vs. Dr. Ian Spiteri Bailey noe et** (App Ċiv 1788/98) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-25 t'April 2008 fejn ġie ritenut li:

> "Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul fuq il-materja, hija inklinata li taqbel ma' l-argumenti ta' l-attrici. Hu veru li t-talba relattiva fic-citazzjoni mhix felici, pero`, it-talba ghall- "informazzjoni kollha" ghandha tiftiehem bhala talba ghar-rendikont li wahdu jaghti l-"informazzjoni kollha" marbuta ma' l-amministrazzjoni. Mhux kontestatat li l-konvenuta Maria Castle kellha prokura minn missierha u kienet awtorizzata topera d-diversi kontijiet bankarji li dan kellu fl-Ingilterra. Skond l-Artikolu 1875 tal-Kodici Civili, sakemm il-mandatarju ma jinghatax kwittanza mill-principal tieghu, "ghandu jaghti kont lil dan ta' dak kollu li jkun ghamel u ta' dak kollu li jkun ircieva bis-sahha tal-mandat", u jekk il-principal ikun lahaq miet, spetta ghall-eredi li jitolbu dan il-kont. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza Gauci v. Mugliette, deciza fid-9 ta' Frar 2001, persuna li tkun giet imqabbda mid-decujus bhala prokuratur tieghu, tista' tigi mitluba mill-eredi taghti rendikont ta' l-amministrazzjoni taghha. Dan ir-rendikont irid jinghata mill-mandatarja, u mhux minn xi terzi, bhal banek Inglizi; l-obbligu li l-mandatarju jaghti kont tal-mandat tieghu ma jigix estint minhabba l-fatt li bank ma jkollux aktar disponibbli l-informazzjoni fuq il-kontijiet billi dawn jigu distrutti wara certu zmien.
>
> Fl-Artikolu 389 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hemm stabbilit dak li huwa mehtieg meta ssir talba gudizzjarja ghall-ghoti ta' rendikont u ghal-likwidazzjoni ta' frottijiet. Bhala regola generali huwa previst li kull min hu obbligat li jaghti kont ghandu jipprezentah bid-dokumenti kollha li jiggustifikawh. L-Artikolu 390 inoltre jiddisponi li tali kont ghandu jkun fih tifsira cara tal-hwejjeg li taghhom ghandu jinghata kont, il-partiti tad-

dhul, il-partiti tan-nefqa u l-bilanc li ghad irid jidhol u l-hwejjeg li ghandhom jittiehdu lura"

Fin-nuqqas ta' dan ir-rendikont, il-Qorti ma tistax tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Huwa prinċipju bażilari li minn jallega jrid jipprova. Filwaqt li l-atturi irnexxilhom jipprovaw l-allegazzjoni tagħhom li inġibdu 'l fuq minn sebgħa u tmenin elf ewro (€87,000) mill-kont ta' Jane Vella fi żmien ħamest ijiem, il-piż tal-prova dar fuq il-konvenut sabiex jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu iżda fil-fehma tal-Qorti l-allegazzjonijiet baqgħu allegazzjonijiet u ma ġewx ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi.

Għaldaqstant il-Qorti filwaqt li qed tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut qed tillikwida l-ammont misapproprjat mill-konvenut mill-fondi ta' Jane Vella fis-somma ta' sebgħa u tmenin elf u ħames mitt ewro (€87,500) u konsegwentemnet tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti fis-somma ta' disgħa u għoxrin elf, mija u sebgħa u sittin ewro (€29,167) is-sehem li jmiss lill-atturi mis-somma likwidata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut,

1. Tilqa' l-ewwel talba,

2. Tiddikjara illi l-ġbid ta' somma sostanzjali ta' flus f'perijodu ta' erba' tijiem meta d-decujus Giovanna sive Jane Vella kienet moribonda jew kienet diġa mietet jikkostitwixxi egħmil doluz da parti tal-konvenut u dan l-għemil illegali u abbuziv da parti tal-istess konvenut jikkostitwixxi approprijazzjoni indebita minn fondi tal-assi, illum tal-assi ereditarji, tal-istess decujus;

3. Tiddikjara illi l-konvenut huwa obbligat jirrifondi l-flejjes hekk approprjati indebitament mill-assi tad-decujus Giovanna sive Jane Vella;

4. Tiddikjara illi l-atturi qua werrieta tad-decujus Giovanna sive Jane Vella huma intitolati ghall-terz (1/3) bejniethom ta' dawn l-assi approprjati mill-konvenut mill-assi tad-decujus Giovanna Vella.

5. Tillikwida l-ammont hekk approprjat indebitament mill-konvenut fis-somma ta' sebgħa u tmenin elf u ħames mitt ewro (€87,500);

6. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi is-somma ta' disgħa u għoxrin elf, mija u sebgħa u sittin ewro (€29,167) rappreżentanti terz (1/3) tas-somma likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
24 ta' Frar 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**